**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 203**
**It-Tnejn, 5 ta' Frar, 2024 fl-4:00 p.m.**

**JUDICIAL STUDIES COMMITTEE - MEMBRI**

**13525. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11403, fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440, jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri li jmexxu jew huma involuti fit-tmexxija/koordinazzjoni tal-Judicial Studies Committee? Jista' jgħid meta nħatru u x'inhuma l-kwalifiki tagħhom? Jista' jgħid ukoll x'sehem kellu hu fil-ħatra tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u jekk din il-persuna għandhiex kwalifiki fil-Liġi?

16/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija paramentari 11440.

Seduta 203
05/02/2024

**BCA – IMPLIMENTAZZJONI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET TAR-RAPPORT QUINTANO**

**13538. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Peress li waqt konferenza fuq il-Baġit, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qal li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) diġà implementat 70 mis-77 rakkomandazzjoni li hemm fir-Rapport Quintano, jista' l-Ministru jgħid liema huma dawn is-70 rakkomandazzjoni li ġew implimentati u liema huma s-7 li ma ġewx implimentati u jgħid ukoll għaliex ma ġewx implimentati?

16/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-Ministru, kien qal preċiżament li "minn sebgħa u sebgħin inizjattiva, sebgħin minnhom twettqu jew qegħdin f'fażi avvanzata biex jitwettqu." Nenfasizza li matul dawn l-aħħar xhur sar ħafna xogħol sabiex aktar minn 90 fil-mija tar-rakkomondazzjoniet twettqu jew waslu biex jitwetqu. Sadanittant l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tinnota li dawk ir-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx implimentati, fejn applikabbli, se jsir ix-xogħol fuqhom fil-mument opportun.

Seduta 203
05/02/2024

**AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI - ILMENTI**

**13566. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11328 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur u jgħid kemm-il ilment tressaq lill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali dwar Ċentri ta' Matul il-Jum għal Persuni b'Diżabilità matul l-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

17/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minnhu hija kif qed tidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Numru ta' Ilmenti Mressqa dwar Ċentri ta' Matul il-Jum |
|---|---|
| 2022 | Xejn |
| 2023 | 2 ilmenti |

Seduta 203
05/02/2024

**MCAST – TRASPORT**

**13592. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħmel trasport mill-Mosta għall-MCAST Paola peress li hawn studenti li jkunu ilhom fuq il-Bus Stop mill-5.30 a.m. u l-karozzi tal-linja jispiċċaw jgħaddu full-up u bit-traffiku ta' filgħodu jispiċċaw jaslu tard għal-lezzjonijiet?

17/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**SEGRETARJU PERMANENTI**

**13593. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ilu mingħajr Segretarju Permanenti full-time?

17/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li fil-Ministeru hemm Segretarju Permanenti full-time.

Seduta 203
05/02/2024

**PAZJENTI LI JUŻAW IL-MEDIĊINA EYELEA**

**13594. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pazjenti li bilfors iridu jużaw il-mediċina Eyelea, minħabba li mediċini oħrajn ma jaqblux magħhom?

17/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 203
05/02/2024

**ADOZZJONIJIET – FTEHIM MA' PAJJIŻI OĦRA**

**14236. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13003 u jgħid liema huma l-pajjiżi li hemm ftehim magħhom biex ikunu jistgħu jiġu adottati tfal minnhom?

14/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-pajjiżi li magħhom fil-preżent hemm ftehim magħhom għall-addozzjoni huma:

- Il-Portugal;
- L-Indja;
- Is-Slovakkja;
- Il-Kolombja;
- Il-Polonja;
- Il-Bulgarija; u
- Il-Vjetnam.

Seduta 203
05/02/2024

**ADOZZJONIJIET – PAJJIŻI LI KOPPJI TAL-ISTESS SESS JISTGĦU JADOTTAW MINNHOM**

**14237. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13004 u jgħid liema huma l-pajjiżi li koppji tal-istess sess jistgħu jadottaw minnhom?

14/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li sa issa, koppji tal-istess sess jistgħu jaddottaw mill-Portugal u mill-Kolombja.

Seduta 203
05/02/2024

**ADOZZJONIJIET – DISKUSSJONIJIET MA' PAJJIŻI OĦRA**

**14238. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistosqija parlamentari 13005 u jgħid jekk hemmx pajjiżi li għaddejjin diskussjonijiet magħhom biex ikunu jistgħu jiġu adottati tfal minnhom, inkluż minn koppji tal-istess sess?

14/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kien hemm diversi laqgħat fir-rigward il-possibilità li jibdew isiru addozzjonijiet mill-Istati Uniti, iċ-Ċilì, u s-Serbja. Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, kull pajjiż għandu l-liġijiet tiegħu fir-rigward jekk jitħallewx li jsir addozzjonijiet minn koppji tal-istess sess.

Seduta 203
05/02/2024

**ADOZZJONIJIET – TFAL LI KIENU TAĦT KURA ALTERNATTIVA**

**14239. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13006 u jgħid kemm kien hemm tfal li kienu taħt kura alternattiva u li ġew adottati minn mindu daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, maqsuma sena b'sena?

14/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12869.

Seduta 203
05/02/2024

**DIRETTORAT TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM - DRITT TAL-ESPRESSJONI ĦIELSA TA' KULL ĊITTADIN**

**14308. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni uffiċjali tad-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt tal-espressjoni ħielsa ta' kull ċittadin fid-dawl ta' statistika riċenti mill-Ewrobarometru fejn tindika li madwar 47% tal-Maltin jemmnu li jekk jesprimu l-opinjoni politika tagħhom jista' jkollhom konsegwenzi negattivi u fid-dawl li din hija t-tieni l-għola rata fl-Unjoni Ewropea wara l-Ungerija, jista' l-Ministru jgħid x'ser jagħmel id-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem biex jindirizza din il-problema?

21/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru jirrispetta l-opinjoni ta' kull min ipparteċipa fl-istħarriġ indikat minnha. Id-dritt tal-espressjoni huwa garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li hija parti mil-Liġijiet ta' Malta. Id-dmir tad-Direttorat huwa li jieħu pożizzjoni fuq il-fatti u mhux fuq opinjonijiet jew possibiltajiet.

Seduta 203
05/02/2024

**PERSUNI JFITTXU L-AŻIL**

**14309. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni jfittxu l-ażil f'Malta bħalissa u jagħti l-informazzjoni skont il-livell ta' protezzjoni (jew applikazzjonijiet rifjutati), il-ġeneru, hux minorenni jew le, minn liema pajjiżi u l-persentaġġi minn kull pajjiż?

21/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fl-2023 l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali rċeviet total ta' 491 applikazzjoni ġdida. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra analiżi skond in-nazzjonalità u l-ġeneru tan-nies li talbu l-ażil fl-2023.

Matul l-istess perjodu, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali kompliet bil-proċess sabiex jinqata backlog tal-passat u ħarġet total ta' 2205 deċiżjoni fuq applikazzjonijiet għal-ażil.

Minn dawn, 327 kienu deċiżjonijiet pożittivi filwaqt li 715 kienu applikazzjonijiet li ġew rifjutati fuq il-mertu. L-1163 applikazzjoni oħra jew twaqqfu, jew ingħalqu bħala inammissibbli, jew tqiesu li ma kienux ir-responsabbiltà ta' Malta, jew huma każijiet ta' nies li tneħħitilhom il-protezzzjoni.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14741. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, tista' l-Ministru tgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14857. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom? Tista' tqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li fil-perjodu msemmi dan il-Ministeru kien għadu ma twaqqafx, ma kien hemm ebda impjegat f'xi waħda mill-entitajiet imsemmija u li bħalissa jaqgħu taħt dan il-Ministeru li kienu Deputati tal-Oppożizzjoni.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14858. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jisa' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, l-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14859. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14860. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-informazzjoni disponibbli ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoni li fil-perjodu msemmi minnu li kienu impjegati mal-Ministeru jew l-entitajiet li jaqgħu taħtu. Fil-każ tal-ITS, din id-domanda mhux possibbli li tiġi mwieġba għaliex dokumenti/files ta' qabel 'l 2013 relatati ma' accounts, pagamenti u Procurement baqgħu qatt ma nstabu.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14861. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Tista' tqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu mpjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru.li għalih responsabbli.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14862. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol - Deputati tal-Oppożizzjoni Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-perjodu ndikat fil-mistoqsija, ma kien hemm ebda Deputat tal-Oppozizzjoni mpjegat mal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u d-dekasteru tiegħu.

Seduta 203
05/02/2024

**IX-XEWKIJA, GĦAWDEX - ESTENSJONI TAĊ-ĊENTRU TAL-UNIVERSITÀ**

**14983. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'sar matul is-sena 2023 fuq l-estensjoni taċ-Ċentru tal-Università fix-Xewkija, Għawdex, u kemm intefqu flus? Jista' jgħid ukoll x'hemm ippjanat li jsir fuq din l-estensjoni matul is-sena 2024 u kemm hu l-baġit allokat għas-sena 2024 għal din l-estensjoni?

16/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2543.

Seduta 203
05/02/2024

**BIRKIRKARA - PROĠETT TA' VILLA LAURI**

**14984. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar il-proġett ta' Villa Lauri ġewwa Birkirkara, li suppost kellu jiġi inawgurat matul l-ewwel xhur tas-sena 2020 biex jipprovdi akkomodazzjoni temporanja għal studenti Universitarji Għawdxin u għall-qraba ta' pazjenti Għawdxin li jkunu għall-kura f'Malta, iżda għadu sal-lum ma ġiex inawgurat? Meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol kollu fuq din il-binja biex tibda tintuża? Kemm kienu l-fondi allokati għal din il-binja fil-Baġit għal kull waħda mis-snin 2019, 2020, 2021 2022 u 2023, kemm intefqu minnhom u kemm hemm fondi allokati għas-sena 2024?
Kemm hi stmata li se tkun l-ispiża globali fuq din il-binja biex tibda tintuża mill-istudenti u qraba ta' pazjenti Għawdxin u jekk din il-binja hijiex propjetà tal-Gvern jew mikrija u jekk hija mikrija jgħid kemm tħallset kera fis-sena u lil min, fl-aħħar ħames snin?

16/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol strutturali f'Villa Lauri tlesta. Fil-bidu ta' Jannar ġie installat il-lift. Ix-xogħol tal-M&Es waslu fil-fażi finali u mistennija jkunu lesti sa April ta' din is-sena. Bdiet tiġi installata l-għamara u appliances (kċejjen u laundry). Fil-ġimgħat li ġejjien ser tinħareġ sejħa mill-ġdid għall-kumplament tal-għamara. Villa Lauri mistennija tilqa' l-ewwel studenti u qraba ta' pazjenti minn Ottubru ta' din is-sena. L-informazzjoni dwar allokazzjoni u spejjeż hija annessa fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 203
05/02/2024

**GĦAWDEX - KUNSILLI LOKALI -SKEMA TA' FONDI SPI/SCI/1/2024**

**14985. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-14-il Kunsill Lokali tal-gżira Għawdxija ġew esklużi mill-iskema ta' fondi SPI/SCI/1/2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025? Jista' jgħid ukoll għaliex id-Dipartiment għall-Gvern Lokali joħroġ skema li teskludi biss lill-Kunsilli Lokali Għawdxin milli jkunu jistgħu japplikaw għal din l-iskema?

16/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi l-iskema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta li ġiet ippubblikata riċentament (Ref- SPI/SCI/1/2024) qiegħda fit-tmien edizzjoni tagħha, u l-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni dejjem baqgħu l-istess.

Infurmat illi din l-iskema ma tinvolvix għotja ta' fondi kif qed jindika l-Onor Interpellant imma l-proġetti magħżula jitwettqu minn ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni fl-intier tagħhom, u cioe mid-dokumentazzjoni tal-monumenti sar-restawr nnifsu.

Informat li l-Ministeru responsabbli minn Għawdex u mill-Ippjanar se jniedi skema miftuħa għall-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jibbenefikaw minn fondi biex jintużaw għar-restawr ta' strutturi jew monumenti t'importanza storika jew artistika. Din l-iskema ser tkun ukoll tkopri fondi li jistgħu jintużaw ukoll biex itejjbu, jsebbħu u jħaddru sqaq(ien) fil-lokalità tagħhom.

Seduta 203
05/02/2024

**KUNSILLI LOKALI - SKEMI FIS-SENA 2023**

**14986. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi skemi ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-sena 2023 u kemm applikaw Kunsilli għal kull skema u liema kienu dawn il-Kunsilli? Jista' jgħid ukoll liema Kunsilli ngħataw fondi minn kull skema u kemm kien l-ammont ta' fondi li ngħata kull Kunsill Lokali?

16/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba qieghda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 203
05/02/2024

**KUNSILLI LOKALI - BAĠIT**

**14987. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jikkonferma li l-allokazzjoni li tiġi allokata fil-baġit annwali għal kull Kunsill Lokali tingħata permezz ta' erba' pagamenti li jiġu mgħoddija lill-Kunsilli Lokali kull tliet xhur? Jista' jikkonferma wkoll li dawn il-pagamenti suppost jgħaddu għand il-Kunsilli Lokali fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' April, fl-1 ta' Lulju u fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena? Jista' jagħti d-dati eżatti meta fis-sena 2023 kull Kunsill ġie mgħoddi l-allokazzjoni tiegħu kull tliet xhur?

16/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja tkun imqassma f'erba' depożiti fil-kontijiet rispettivi tal-Kunsilli Lokali.

Infurmat li kull pagament ta' mhux aktar minn 25% tal-allokazzjoni ikunu mistennija li jgħaddu sal-aħħar ta' Marzu, ta' Ġunju, ta' Settembru u ta' Diċembru ta' kull sena.
Fl-2023 l-allokazzjoni għaddiet kif ġej:

| | |
|---|---|
| **1st Tranche** | 30/01/2023 |
| **2nd Tranche** | 05/04/2023 |
| **3rd Tranche** | 21/07/2023 |
| **4th Tranche** | 23/10/2023 |

Intant infurmat li l-ewwel tranche għas-sena 2024 għaddiet fis-16 ta' Jannar 2024.

Seduta 203
05/02/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA – SULDATI**

**15029. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2022?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta sal-31 ta’ Dicembru 2022 kien ta’ 1825. Fis-sena 2022 irtiraw jew telqu 51 Other ranks u 7 Officers. Fis-sena 2022 issieħbu fil-FAM 94 persuna.

Seduta 203
05/02/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA – SULDATI**

**15030. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2021?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta sal-31 ta' Diċembru 2021 kien ta' 1805. Fis-sena 2021 irtiraw jew telqu 175 Other ranks u 14 Officers. Fis-sena 2021 issieħbu fil-FAM 230 persuna.

Seduta 203
05/02/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA – SULDATI**

**15031. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2020?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta sal-31 ta' Dicembru 2020 kien ta' 1870. Fis-sena 2020 irtiraw jew telqu 122 Other ranks u 7 Officers. Fis-sena 2020 issieħbu fil-FAM 120 persuna.

Seduta 203
05/02/2024

**KORP TAL-PULIZIJA – RENDIKONT TA' PULIZIJA**

**15032. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' pulizija mal-Korp tal-Pulizija, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2023?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.
Seduta 203
05/02/2024

**KORP TAL-PULIZIJA – RENDIKONT TA' PULIZIJA**

**15033. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' pulizija mal-Korp tal-Pulizija, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2022?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**KORP TAL-PULIZIJA – RENDIKONT TA' PULIZIJA**

**15034. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' pulizija mal-Korp tal-Pulizija, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2021?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15181. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:
- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRIZO AZZOPARDI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15182. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:
- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-aħħar ta' Jannar 2024.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15183. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:
- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant, li r-risposta qed tinġabar, u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15184. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:

- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:

- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15185. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:
- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma l-Onor. Interpellant illi d-dettalji mitluba minnha jinsabu fuq it-tabella hawn taħt:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **DIER** | | | | | |
| **Full time** | **Part time** | | | | |
| | | | | | |
| **Public Officers** | 45 | | | | |
| **RSSL** | 2 | | | | |
| **Department/ Entity/Agency/ Division** | **Modern Work Practices** | **Full Time** | **Part Time** | | |
| **DIER** | **Flexi Time** | 4 | | | |
| **Flexi Week** | | | | | |
| **Reduced Hours** | 5 | | | | |
| **Extended Remote Working** | 8 | | | | |
| **Remote Working** | 24 | | | | |
| | | | | | |
| **EUPA** | | | | | |
| **Full time** | **Part time** | | | | |
| | | | | | |
| **Public Officers** | 31 | | | | |
| **Department/ Entity/Agency/ Division** | **Modern Work Practices** | **Full Time** | **Part Time** | | |
| **EUPA** | **Flexi Time** | 31 | | | |
| **Flexi Week** | | | | | |
| **Reduced Hours** | 4 | | | | |
| **Extended Remote Working** | | | | | |
| **Remote Working** | 31 | | | | |
| | | | | | |
| **EU Funds Divisions & OPS** | | | | | |
| **Full time** | **Part time** | | | | |
| | | | | | |
| **Public Officers** | 163 | | | | |
| **Department/ Entity/Agency/** | **Modern Work Practices** | **Full Time** | **Part Time** | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Division** | | | | | |
| **EU Funds Divisions & OPS** | Flexi Time | 42 | | | |
| Reduced Hours | 12 | | | | |
| Extended Remote Working | 32 | | | | |
| Remote Working | 16 | | | | |
| IMU | Flexi Week | 4 | | | |
| | | | | | |
| **NDSF** | | | | | |
| **Full time** | **Part time** | | | | |
| | | | | | |
| **Public Officers** | 7 | | | | |
| **NDSF** | **Flexi Time** | | | | |
| **Flexi Week** | | | | | |
| **Reduced Hours** | | | | | |
| **Extended Remote Working** | | | | | |
| **Remote Working** | | | | | |
| | | | | | |
| **SEM** | | | | | |
| **Full time** | **Part time** | | | | |
| | | | | | |
| **Public Officers** | 19 | | | | |
| **Department/ Entity/Agency/ Division** | **Modern Work Practices** | **Full Time** | **Part Time** | | |
| **Servizzi Ewropej f'Malta** | **Flexi Time** | | | | |
| **Flexi Week** | | | | | |
| **Reduced Hours** | | | | | |
| **Extended Remote Working** | | | | | |
| **Remote Working** | 5 | 1 | | | |
| | | | | | |
| **MCCAA** | | | | | |
| **Full time** | **Part time** | | | | |
| | | | | | |
| **Public Officers** | 157 | 6 | | | |
| **Department/ Entity/Agency/ Division** | **Modern Work Practices** | **Full Time** | **Part Time** | | |
| **MCCAA** | **Flexi Time** | 157 | 6 | | |
| **Flexi Week** | | | | | |
| **Reduced Hours** | 7 | 2 | | | |
| **Extended Remote Working** | | | | | |
| **Remote Working** | 59 | 34 | | | |
| | | | | | |
| **MCESD** | | | | | |
| **Full time** | **Part time** | | | | |
| | | | | | |
| **Public Officers** | 7 | | | | |
| **Department/ Entity/Agency/ Division** | **Modern Work Practices** | **Full Time** | **Part Time** | | |
| **MCESD** | **Flexi Time** | | | | |
| **Flexi Week** | | | | | |
| **Reduced Hours** | | | | | |
| **Extended Remote Working** | | | | | |
| **Remote Working** | 6 | | | | |

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15186. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:
- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba qed titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 203
05/02/2024

**TWELID TA' TRABI**

**15250. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm twieldu trabi matul is-snin 2022 u 2023 fl-isptarijiet governattivi u dawk privati f'Malta u Għawdex rispettivament? Jista' jgħid ukoll:

a. kemm minn dawn it-trabi kellhom ġenituri Maltin;
b. kemm minnhom kellhom ġenituri barranin;
ċ. kemm mill-barranin intalbu jħallsu tas-servizz u kemm minnhom ħallsu; u
d. kemm kien hemm proċeduri/appuntamenti li saru bi ħlas fl-Isptar Mater Dei fl-2022 u fl-2023?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**HOTELS U AKKOMODAZZJONI – TAXXA FUQ KULL LEJL**

**15251. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid xi proġetti saru f'Għawdex mid-dħul tat-taxxa fuq kull lejl fil-hotels u akkomodazzjoni oħra matul is-sena 2023? Jista' jgħid kemm kien id-dħul minn Għawdex u dan peress li l-Ministri għal Għawdex, għat-Turiżmu u għall-Finanzi t-tlieta qalu fi tweġibiet separati li m'għandhomx x'jaqsmu ma' din il-materja? Jista' jgħid kemm minn din it-taxxa ġiet investita f'Għawdex stess?

17/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**SPTAR MATER DEI - PROĊEDURI U APPUNTAMENTI BI ĦLAS**

**15303. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm proċeduri/appuntamenti li saru bi ħlas fl-Isptar Mater Dei fis-snin 2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll dawn il-proċeduri/appuntamenti kemm jammontaw fi flus u kemm minnhom tħallsu?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazjoni qed tinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15323. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 14699 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-'vacation leave' huwa regolat b'regoli ċari u kulħadd huwa mistenni li jagħmel użu minnu skont dawn ir-regoli.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15324. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14700 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-vacation leave huwa regolat b'regoli ċari u kulħadd huwa mistenni li jagħmel uzu minnu skont dawn ir-regoli.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15325. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14702 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-'vacation leave' huwa regolat b'regoli ċari u kulħadd huwa mistenni li jagħmel użu minnu skont dawn ir-regoli.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15326. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14703 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15327. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14704 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra sick leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta, li fid-dekasteru li jien responsabbli ghaliħ ma hemm l-ebda Deputati tal-Oppożizzjoni impjegati.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15432. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabez l-advisory cost.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15433. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15434. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15435. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15436. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippublika l-informazzjoni fuq il-Gazetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mituba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 203
05/02/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15437. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 203
05/02/2024

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT – MASTER PLANS**

**15450. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15114 u tissottometti l-Master Plans għar-riġenerazzjoni tal-port?

22/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjonijiet mad-diversi stakeholders fiż-żona tan-naħa ta' ġewwa tal-Port il-Kbir għadhom għaddejjin. Meta dawn il-konsultazzjonijiet ikunu konklużi u jsir aktar studju fuq l-informazzjoni kollha miġbura, jingħataw aktar dettalji dwar ix-xogħol ippjanat. Sadanittant, kif diġà spjegajt fit-tweġibiet li tajt għal mistoqsijiet oħra dwar il-materja, bħalissa hemm diversi xogħlijiet li diġà għaddejjin.

Seduta 203
05/02/2024

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT – XOGĦLIJIET**

**15451. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15115 u tagħti break down finanzjarju għax-xogħlijiet li saru u li se jsiru għar-riġenerazzjoni tal-port?

22/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-Port il-Kbir huwa żona tant vasta li fiha hemm strutturi u żoni li r-responsabbiltà tagħhom tinqasam fuq diversi entitajiet li mhux kollha huma parti minn dan il-Ministeru. Għaldaqstat, il-koperazzjoni, kordinazzjoni u konsultazzjoni bejn dawn l-entitajiet, ewlenin fosthom Infrastructure Malta, Transport Malta, l-Enemalta u l-GHRC, huma kontinwi. Qiegħda inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant li tinkludi proġetti li diġà saru, oħrajn li jinsabu għaddejin kif ukoll proġetti li qed ikunu ppjanati li jsiru bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-port, b'kollaborazzjoni bejn Ministeri differenti.

Seduta 203
05/02/2024

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT – TIME FRAMES**

**15452. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15116 u tissottometti time frames biex isiru x-xogħlijiet ippjanati għar-riġenerazzjoni tal-port?

22/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mostoqsija parlamentari 15451.

Seduta 203
05/02/2024

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT – ALLOKAZZJONI TA' SUPER YACHTS**

**15453. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15117, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, u jagħti d-dettalji fejn huma ppjanati li ser jiġu allokati fil-port skont il-pjan tar-riġenerazzjoni tal-port, is-super yachts skont is-"Super Yacht National Policy"?

22/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jekk b' "Super Yacht National Policy" qed jirreferi għad-dokument ippubblikat f'Novembru 2023 intitolat "A Strategic Vision for the Superyacht Industry", allura nirrileva li din hija pubblikazzjoni li tfassal viżjoni strateġika. Għaldaqstant, f'dan li stadju u hekk ukoll kif jindika d-dokument stess, il-policies kif ukoll pjanijiet fejn superyachts ser jiġu allokati fil-port għadhom ma ġewx stabbiliti.

Seduta 203
05/02/2024

**IL-PORT IL-KBIR - KONĊESSJONIJIET**

**15454. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15118, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, u jagħti break down tal-concessions kollha fil-Port il-Kbir kif ukoll:

- fejn huma?
- għal kemm żmien huma mogħtija?
- kemm fadlilhom żmien biex jiskadu? u
- l-isem tal-persuna jew tal-kumpanija jew tal-grupp ta' kumpaniji li huma allokati dawn il-'concessions'?

22/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-rwol tagħha bħala Awtorità dwar it-Trasport f'Malta, ġewwa l-Port il-Kbir, Transport Malta għandha ftehim ta' konċessjoni mal-Valletta Gateway Terminal (VGT) li jkopri Deep Water Quay (Marsa), Laboratory u Magazine Wharf (Kordin), u dan fuq perjodu ta' 30 sena mis-sena 2006.
Inoltre, mill-2006 għandha ukoll ftehim ta' konċessjoni ma' Tug Malta fuq il-Moll tal-Injam bħala parti mill-Harbour Towage Agreement, u dan għal perjodu ta' 20 sena.

Seduta 203
05/02/2024

**BORMLA – DELCEPPO GROUND - XOGĦLIJIET**

**15466. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet marbuta mal-Ground Delceppo f'Bormla?

23/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Bormla li x-xogħolijiet jinsabu fil-fażijiet finali u hu previst li tali xogħlijiet jkunu lesti fiż-żmien li ġej.

Seduta 203
05/02/2024

**SANTA LUĊIJA - TRIQ MARIA DE DOMENICIS - XOGĦLIJIET**

**15467. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Maria De Domenicis, f'Santa Luċija, hijiex ser tiġi rranġata fil-parti ċentrali tagħha, billi tinsab fi stat xejn tajjeb?

23/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq Maria De Domenicis hija fost il-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ppropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom, u għalhekk ser isir xogħol fiha fiż-żmien li ġej.

Seduta 203
05/02/2024

**SANTA LUĊIJA - TRIQ MARIA DE DOMENICIS - XOGĦLIJIET**

**15468. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Maria De Domenicis, f'Santa Luċija, hijiex ser tiġi rranġata fil-parti ċentrali tagħha, billi tinsab fi stat xejn tajjeb?

23/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**SANTA LUĊIJA - TRIQ L-OLEANDRI - XOGĦLIJIET**

**15469. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq l-Oleandri, f'Santa Luċija, hijiex ser tiġi rranġata fil-parti ċentrali tagħha, billi tinsab fi stat xejn tajjeb?

23/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq l-Oleandri hija fost il-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ppropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom u għalhekk ser isir xogħol fiha fiż-żmien li ġej.

Seduta 203
05/02/2024

**SANTA LUĊIJA - TRIQ L-OLEANDRI - XOGĦLIJIET**

**15470. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq l-Oleandri, f'Santa Luċija, hijiex ser tiġi rranġata fil-parti ċentrali tagħha, billi tinsab fi stat xejn tajjeb?

23/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-AŻIL - IMPJEGATI**

**15471. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni ta' ċittadinanza Maltija li huma impjegati mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)?

23/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minkejja li s-sit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil jinsab f'Malta, ma jeżisti l-ebda obbligu li l-Aġenzija tgħaddi lill-Gvern informazzjoni uffiċjali dwar il-ħaddiema tagħha.

Seduta 203
05/02/2024

**RAPPORTI TA' SUWIĊIDJI U ATTENTATI TA' SUWIĊIDJI**

**15480. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni maqsuma skont is-sess tal-persuna dwar rapporti ta' suwiċidju u attentati ta' suwiċidju separatament għas-sena 2023?

23/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi skond ir-Reġistru Nazzjonali tal-Imwiet, matul is-sena 2023 kien hemm 27 suwiċidju f'Malta u Għawdex. Minn dawn kien hemm 24 raġel u 3 nisa.
Kien hemm 49 raġel u 59 mara li ġew irrapurtati li għamlu attentat ta' suwiċidju.

Infakkar lill-Onor. Iterpellant li f'Lulju tal-2019, il-Ministeru għas-Saħħa ippublika l-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali u din il-materja ġiet indirizzata fl-istrateġija.
Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-istrateġija tas-Saħħa Mentali li qed tiġi implimentata bħalissa huwa li jitnaqqsu l-każijiet ta' suwiċidju. Professjonisti fis-Saħħa Mentali qed jiġu mħarrġa fuq riskju ta' suwiċidju. Bħala parti minn programm tal-EU, Joint Action ImpleMENTAL, qed titħejja Strateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidju. Inħatar ukoll Advisory Board magħmul minn professjonisti tas-Saħħa, u rappreżentanti ta' diversi entitajiet fosthom tal-edukazzjoni, l-pulizija, l-ħabs, l-università, NGOs u oħrajn li qed jagħtu l-kontribut tagħhom biex inaqqsu l-każijiet ta' suwiċidju.

Servizz importanti li qed jingħata hu permezz tal-helpline 1579 li jopera 24 siegħa kuljum. Dan jofri l-ewwel għajnuna fejn persuni li għandhom bżonn jitkellmu fuq l-isfidi mentali tagħhom u d-diffikultajiet relatati mal-ħajja bħas-solitudni, anzjeta jew kontemplazzjoni ta' suwiċidju jistgħu jiddiskutuwhom ma' tim ta' professjonisti fil-psikoloġija.
Matul l-2023, il-Helpline irċieva total ta' 7,636 telefonata. Dawk li ċemplu ġew ipprovduti b'appoġġ emozzjonali immedjat, kif ukoll pariri u gwida prattika. Oħrajn ġew assistiti biex jaċċessaw is-servizzi tas-saħħa mentali u aġenzji oħra tal-gvern, skond il-bżonn.

Qed jiġi offrut ukoll is-Servizz tal-Crises Resolution Home Treatment (CRHT) fejn persuni li jippreżentaw fl-Emerġenza ta' l-isptar Mater Dei bi krizi mentali, jiġu referuti għas-servizz ta' CRHT. Permezz ta' dan is-servizz, l-għajnuna professjonali tingħata mmedjata u ntensiva għal numru ta' ġimgħat. Il-persuni jiġu segwiti f'dan il-Unit u fi djarhom fejn jingħataw sapport intensiv sabiex bl-għajnuna tal-professjonisti, jsibu l-ħiliet biex itejbu saħħithom, jissuperaw s-sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja tagħhom u jkomplu jgħixu fil-kommunita' mingħajr il-bżonn li jkunu rikoverati l-isptar. Fis-sena 2023 dan it-tim segwa 323 persuna, 22 persuna biss kellhom bżonn jiġu rikoverati fl-isptar Monte Karmeli.

Seduta 203
05/02/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ IT-TAMAR - DAWL ADEGWAT**

**15481. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14597 dwar dawl adegwat fi Triq it-Tamar, f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li l-partijiet mudlama ta' din it-triq ikun fihom dawl adekwat?

23/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi l-istess Kunsill ser ikun qieghed jindirizza din is-sitwazzjoni.

Seduta 203
05/02/2024

**SPEED GUNS**

**15513. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw speed guns mill-Gvern jew aġenziji tiegħu?

24/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**SPEED GUNS LI NTUŻAW MATUL IS-SENA 2023**

**15514. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm intużaw speed guns matul is-sena 2023?

24/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul is-sena 2023, f'dawn il-Gżejjer sar użu minn ħames *speed guns*. Erbgħa (4) speed guns jappartjenu lill-Pulizija, u wieħed (1) jappartjeni lill-Aġenzija LESA.

Seduta 203
05/02/2024

**SPEED GUNS - ĊITAZZJONIJIET**

**15515. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew mogħtija ċitazzjonijiet minn meta ġew introdotti l-ispeed guns?

24/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi bdew jinżammu d-dettalji elettronikament fis-sistema LES mis-sena 2020. Infurmat illi fis-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 ingħataw 11253 taħrika minn speed guns. Infurmat ukoll illi l-għola veloċita rekordjata li tinsab fid-data miġbura mill-LESA huwa ta' 147km/h fi Triq M.A Vassalli, il-Gżira.

Seduta 203
05/02/2024

**SPEED GUNS - VALUR TAĊ-ĊITAZZJONIJIET**

**15516. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-valur taċ-ċitazzjonijiet li saru permezz tal-ispeed guns?

24/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi b'żieda ma' dak provdut fi tweġiba Parlamentari numru 15515, il-valur ta' taħrikiet imħallsa huwa ta' € 761,110.61, filwaqt li l-valur ta' taħrikiet li huma deċiżi u għadhom mhux imħallsa huwa ta' € 48,662.44.

Seduta 203
05/02/2024

**KUNSILLI LOKALI – RENDIKONT FINANZJARJU**

**15554. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif kienet il-qagħda finanzjarja tal-Kunsilli Lokali hawn taħt imsemmija sa Diċembru 2023, u jagħti rendikont finanzjarju li jagħti stampa ċara ta' dan, li jinkludi surplus jew deficit:
a. l-Imġarr;
b. Ħad-Dingli;
ċ. Ħaż-Żebbuġ;
d. ir-Rabat; u
e. l-Imtarfa?

24/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-*Financial Statements* tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa skond kif mibghuta mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali.

Intant infurmat illi fir-rigward tal-Kunsilli Lokali tal-Imġarr, Dingli u r-Rabat, l-informazzjoni mitluba ma ġietx provduta mill-istess Kunsilli sad-data ta' tweġiba ta' din l-Interpellanza.

Seduta 203
05/02/2024

**KUNSILLI LOKALI – ATTENDENZA TA' SINDKI U KUNSILLIERA**

**15555. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' attendenza tas-Sindki u tal-Kunsilliera, laqgħa laqgħa minn Lulju 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:
a. Kunsill Lokali Ħad-Dingli;
b. Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ;
ċ. Kunsill Lokali Imġarr;
d. Kunsill Lokali Imtarfa; u
e. Kunsill Lokali Rabat, Malta?

24/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba rigwardanti l-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa, l-Imġarr u r-Rabat skond kif mibgħuta mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali.

Intant infurmat illi fir-rigward tal-Kunsilli Lokali ta' Ħad-Dingli u Ħaż-Żebbuġ, l-informazzjoni mitluba ma ġietx provduta mill-istess Kunsilli Lokali sad-data tat-tweġiba ta' din l-Interpellanza.

Seduta 203
05/02/2024

**PERSUNI MHUX MALTIN LI NGĦATAW IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA**

**15611. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 14243 u 14781, jista' l-Ministru jagħti tagħrif, xahar b'xahar, dwar kemm minn dawk li ngħataw iċ-ċittadinanza ħadu ċ-ċittadinanza għax iżżewġu lil Malti jew Maltija? Jista' wkoll jagħti tagħrif, xahar b'xahar, dwar kemm ingħataw iċ-ċittadinanza fuq bażi ta' mertu, permezz ta' skemi ta' investiment, u kemm fuq skemi oħra separatament għal kull raġuni għaliex ingħatat din iċ-ċittadinanza?

25/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** B'referenza għall-mistoqsija numru 15611 ninsab infurmat li l-informazzjoni mogħtija fir-risposti 14243 u 14781 tikkonsisti f'dik l-informazzjoni li tingħata lill-Eurostat li Malta hi obbligata li tagħti skont ir- REGULATION (EC) No 862/2007 OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL of 11 July 2007 on Community statistics on migration and international protection u liema nformazzjoni tiġi pubblikata minn din l-Entita tal-Kummissjoni Ewropea mingħajr ebda dettalji dwar il-bażi tal-akkwist.

Biss ninforma lill-Onor Interpellant ukoll li kif mitlub bil-liġi, il-quddiem se jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra rapport, mħejji mir-Regolatur, maħtur taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, li jkun fih informazzjoni għas-sena 2023, li tirrigwarda l-akkwist taċ-ċittadinanza taħt ir-Regolamenti dwar l-Għoti taċ-Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali.

Seduta 203
05/02/2024

**PERSONALISED PARKING BAYS - APPELLI**

**15612. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il appell għal personalised parking bay hemm pendenti (fuq il-lista ta' stennija)? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li dawn l-appelli jiġu konklużi u l-applikant ikun infurmat bid-deċiżjoni tal-appell?

25/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma' jeżisti l-ebda proċess ta' appell għall-Personalised Parking Bays u għaldaqstant ma hemm l-ebda appell pendenti. Inżid li l-Awtorità taġixxi skont rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Sapport liema rakkomandazzjoni ssir abbażi ta' kriterji maqbula bejn l-Awtorità u l-Aġenzija.

Seduta 203
05/02/2024

**CDAU – SERVIZZI – LISTI TA' STENNIJA**

**15613. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14965, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fuq il-lista ta' stennija għal kull wieħed mis-servizzi offruti fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), kif imsemmja fl-istess tweġiba, maqsuma servizz servizz, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-etajiet ta' dawn il-persuni maqsuma f'age brackets differenti?

25/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li mhemm l-ebda lista ta' stennija għall-assessjar mill-pedjatri.

Seduta 203
05/02/2024

**STATEMENTING MODERATING PANEL – TFAL U ŻGĦAŻAGĦ LI GĦANDHOM BŻONN LSA**

**15614. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14892, jista' l-Ministru jagħti l-etajiet (maqsuma f'age brackets) għaċ-ċifri mogħtija fl-istess tweġiba fir-rigward tal-persuni li kienu/qed jistennew li jidhru quddiem l-iStatementing Moderating Panel sabiex jiġi determinat jekk dawn kellhomx/ikollhomx bżonn Learning Support Assistant (LSA)?

25/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li r-reviews isiru b'mod kontinwu fejn kull xhar ikun hemm tibdil fl-ammonti ta' referrals. Għal privatezza u s-sigurta tal-individwi, tali nformazzjoni ma tistax tiġi ppublikata.

Seduta 203
05/02/2024

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – BLOKK A, TRIQ IL-QOLLA – ILMA FIT-TRIQ**

**15722. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn mill-blokka tal-housing li tlestiet riċenti fi Blokk A, Triq il-Qolla, Ħaż-Żebbuġ qed jiġu ppumpjati kwantitajiet kbar ta' ilma fit-triq? Jista' jgħid x'inhu dan l-ilma, u jekk l-Awtorità hijiex infurmata min qed jitfgħu?

29/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejt din l-informazzjoni lill-entità ikkonċernatabiex il-każ jiġi mistħarreġ.

Seduta 203
05/02/2024

**CABLES TAĦT L-ART - PJANTA**

**15723. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta u tindika t-toroq minn fejn se jgħaddu s-70km ta' cables li se jitpoġġew taħt l-art?

29/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Is-sajf li għadda l-Gvern wiegħed li se jaċċellera l-investiment għall-2024 fuq l-infrastruttura elettrika ta' Malta biex inkomplu ntejbu l-kwalità tas-servizzi elettriċi għall-familji u għan-negozji, u biex nilqgħu għad-domanda futura u l-ħtiġijiet tat-tibdil fil-klima.

Bħala parti minn dan l-investiment estensiv, Enemalta qed tikkollabora ma' Infrastructure Malta u Transport Malta li għaqqdu r-riżorsi tagħhom flimkien biex fi ftit xhur inżidu aktar minn 70 kilometru ta' cables ta' 11-il kilovolt taħt l-art mal-grid nazzjonali. Dan ix-xogħol ta' rinfurzar huwa importanti għaliex qed joħloq aktar konnessjonijiet alternattivi bejn partijiet differenti tal-pajjiż, filwaqt li jgħinu lill-Enemalta tagħti lura l-provvista f'inqas ħin meta jinqalgħu emerġenzi u interruzzjonijiet oħrajn.

Flimkien ma' xogħlijiet li għaddejjin u dawk li se jiġu implimentati fiż-żmien li ġej, inklużi ċentri ta' distribuzzjoni u substations ġodda, dan l-investiment se jikkontribwixxi għal servizzi tal-elettriku aktar reżiljenti. Barra l-proġett ta' cables ta' 11-il kilovolt, Enemalta qed tkompli timplimenta l-pjan tagħha ta' sitt snin li kien imniedi fl-2022, biex tissaħħaħ l-infrastruttura fid-distribuzzjoni tal-elettriku tal-pajjiż. Bħala parti minn dan il-pjan, din is-sena Enemalta se tagħmel 45 substation ġdida, filwaqt li twettaq xogħlijiet ta' tisħiħ f'ħafna oħrajn eżistenti.

Għaddejjin ġmielhom ukoll it-tħejjijiet għal żewġ ċentri tad-distribuzzjoni ġodda li se jsiru fin-Naxxar u fis-Siġġiewi. F'Diċembru li għadda nħarġu sejħiet għaċ-ċentru tad-distribuzzjoni ġdid fin-Naxxar kif ukoll għall-immodernizzar u t-tkabbir taċ-ċentru tad-distribuzzjoni fl-Imsida. Enemalta qed tara wkoll li żżid il-kapaċità fiċ-ċentru tad-distribuzzjoni f'St Andrew's, u li tiżviluppa ċentri tad-distribuzzjoni oħrajn fl-inħawi ta' Ħad-Dingli u fiż-żona tal-Kottonera.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-infrastrutturali qed jirreferi għaliha hija meqjusa bħalainfrastruttura kritika. It-toroq li f'partijiet minnhom se jsiru x-xogħlijiet b'rabta mat-tqegħid t'aktar minn 70 kilometru ta' cables biex insaħħu s-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku jinsabu fil-lokalitajietta' Birżebbuġa, Bormla, Fgura, il-Gudja, Ħ'Attard, Ħad-Dingli, Ħal Għaxaq, Ħal Lija, Ħal Luqa, Ħal Safi, Ħaż-Żabbar, l-Imdina, l-Imtarfa, il-Kalkara, il-Mosta, in-Nadur, in-Naxxar, ir-Rabat, Santa Luċija, ix-Xagħra, ix-Xgħajra, ix-Xlendi (Munxar) u ż-Żurrieq. Wara li jsiru x-xogħlijiet imsemmija, it-toroq ser jerġgħu jingħataw l-asfalt skont ir-rekwiżiti tal-permessi li jkunu nħarġu minn Transport Malta, kif ukoll f'konsultazzjoni li qiegħda ssir mal-Kunsilli Lokali.

Seduta 203
05/02/2024

**IN-NAXXAR U S-SIĠĠIEWI - SITEPLANS TAĊ-ĊENTRI TA' DISTRIBUZZJONI**

**15724. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-siteplans taċ-ċentri ta' distribuzzjoni li qed isiru fin-Naxxar u fis-Siġġiewi?

29/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8597, ninfurmah li l-proċess biex jinbena ċ-ċenrtu tad-distribuzzjoni ġdid fin-Naxxar għaddej b'ritmu tajjeb u fl-aħħar ta' Diċembru 2023 saret sejħa għall-offerti. Fir-rigward taċ-ċentru tad-distribuzzjoni li se jsir fis-Siġġiewi għadu għaddej il-proċess biex tinkiseb l-art inkwistjoni. Il-pjanti jiġu ppublikati malli dawn jgħaddu għand l-Awtorità tal-Ippjanar għall-konsultazzjoni pubblika.

Seduta 203
05/02/2024

**LISTA TAS-SUBSTATIONS KOLLHA TA' MALTA**

**15725. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tas-substations kollha f'Malta, bil-lokalità u bis-sena ta' meta dawn tlestew, fil-perjodu bejn l-1987 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

29/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra. Inżid li l-Enemalta għaddejja bi pjan aċċellerat fis-sistema ta' distribuzzjoni tagħha, fejn kull sena qed jiġu kkummissjonati medja ta' bejn 40 u 50 substation ġdida fis-sena, u jsiru għadd ta' upgrades f'substations differenti. Qegħdin jitpoġġew ukoll għadd ta' feeders li jwasslu l-provvista tal-elettriku mis-substations għal għand il-konsumaturi, u kilometri ta' cables oħrajn fuq livell ta' 11kV u 33kV. L-Enemalta għaddejja wkoll bi proġett t'automation, li huwa mmirat biex is-substations tagħha jkunu jistgħu jiġu kkontrollati mill-kamra ta' kontroll fil-Marsa, u f'każ ta' ħsara, fejn ikun possibbli jonqos il-ħin ta' interruzzjoni.

Seduta 203
05/02/2024

**LISTA TAD-DISTRIBUTION CENTRES KOLLHA TA' MALTA**

**15726. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tad-distribution centres kollha f'Malta, bil-lokalità u bis-sena ta' meta dawn tlestew, fil-perjodu bejn l-1987 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

29/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra. Inżid li filwaqt li fl-aħħar ta' Diċembru nħarġet sejħa għall-offerti biex jinbena ċentru tad-distribuzzjoni ġdid fin-Naxxar waqt li jinsab fi stadju avvanzat l-ippjanar ta' ċentru tad-distribuzzjoni ieħor ġdid li se jsir fis-Siġġiewi. Barra minn hekk, l-Enemalta qed tippjana wkoll il-bini ta' żewġ ċentri tad-disttribuzzjoni oħrajn, wieħed qed ikun maħsub li jsir fl-inħawi tar-Rabat u Ħad-Dingli u l-ieħor fiż-żona tal-Kottonera, kif ukoll sabiex tirdoppja l-kapaċità fiċ-ċentri tad-distribuzzjoni tal-Imsida u St Andrews.

Seduta 203
05/02/2024

**RABAT, MALTA – KAŻIJIET TA' SERQ**

**15727. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' serq fil-lokalità tar-Rabat, Malta matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità tar-Rabat, Malta matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella hawn taħt fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar.

| **Xahar għas-sena 2023** | **Jannar** | **Frar** | **Marzu** | **April** | **Mejju** | **Ġunju** | **Lulju** | **Awwissu** | **Settembru** | **Ottubru** | **Novembru** | **Diċembru** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Każi ta' serq irrappurtatiir-Rabat** | **5** | **2** | **5** | **3** | **5** | **5** | **11** | **5** | **2** | **6** | **5** | **2** |

Seduta 203
05/02/2024

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ - RAPPORTI TA' SERQ**

**15728. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq fil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella hawn taħt fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar.

| **Xahar mis-sena 2023** | **Jannar** | **Frar** | **Marzu** | **April** | **Mejju** | **Ġunju** | **Lulju** | **Awwissu** | **Settembru** | **Ottubru** | **Novembru** | **Diċembru** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rapporti ta' serq Ħaż-Żebbuġ | 3 | 2 | 3 | 10 | 14 | 4 | 9 | 2 | 10 | 6 | 4 | 3 |

Seduta 203
05/02/2024

**ĦAD-DINGLI - RAPPORTI TA' SERQ**

**15729. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq fil-lokalità ta' Ħad-Dingli matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità ta' Ħad-Dingli, Malta matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella hawn taħt, fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar.

| **Xahar mis-sena 2023** | **Jannar** | **Frar** | **Marzu** | **April** | **Mejju** | **Ġunju** | **Lulju** | **Awwissu** | **Settembru** | **Ottubru** | **Novembru** | **Diċembru** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Każi ta' serq irrappurtati Ħad-Dingli** | 2 | 3 | 2 | 0 | 2 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 2 | 0 |

Seduta 203
05/02/2024

**L-IMĠARR, MALTA - RAPPORTI TA' SERQ**

**15730. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq fil-lokalità tal-Imġarr, Malta matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità ta' l-Imġarr, Malta matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella hawn taħt, fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar.

| **Xahar fi-sena 2023** | **Jannar** | **Frar** | **Marzu** | **April** | **Mejju** | **Ġunju** | **Lulju** | **Awwissu** | **Settembru** | **Ottubru** | **Novembru** | **Diċembru** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Każi ta' serq irrappurtati l-Imgarr** | 1 | 1 | 1 | 4 | 3 | 4 | 1 | 3 | 1 | 0 | 2 | 0 |

Seduta 203
05/02/2024

**L-IMĠARR, MALTA - PROĠETTI GĦAS-SAJJIEDA**

**15744. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti hemm ippjanati għas-sajjieda fl-Imġarr Malta u juri l-pjanti eżistenti?

29/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru qed jippjana l-bini ta' winch room sabiex isservi għas-servizz tas-sajjieda f'dawn l-inħawi.

Seduta 203
05/02/2024

**ĠNIEN TA' SAN ANTON - PJANIJIET**

**15748. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-pjanijiet ħolistiċi għall-ġonna ta' San Anton (il-parti miftuħa għall-pubbliku), li jservu ta' pulmun għal-lokalitajiet tal-madwar u dan apparti l-valur storiku li jġorru?

29/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-pjanijiet għall-Ġonna ta' San Anton (il-parti miftuħa għall-pubbliku) huma skont l-applikazzjonijiet imressqa PA/07539/23 u DN/00974/23. Fir-rigward ta' PA/07539/23 il-proposti jinkludu tibdil tal-istruttura tal-konservatorju filwaqt li jinżamm l-użu oriġinali tiegħu. DN/00974/23 tikkonċerna l-manutenzjoni, konservazzjoni u restawr tal-ħitan esterjuri u interjuri u l-passaġġi tal-ġnien. Dan kollu qed isir f'konsultazzjoni mal-entitajiet konċernati fosthom is-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali.

Seduta 203
05/02/2024

**ĠNIEN TA' SAN ANTON - XOGĦLIJIET**

**15749. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tindika meta se jsiru x-xogħlijiet tant meħtieġa ta' rinovar tal-Ġonna ta' San Anton (il-parti miftuħa għall-pubbliku)?

29/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-applikazzjoni għax-xogħlijiet marbuta mal-Ġonna ta' San Anton (il-parti miftuħa għall-pubbliku) tinsab quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar biex tiġi pproċessata. Malli jinħarġu l-permessi meħtieġa jsir l-ivvettjar tas-sejħa għall-offerti marbuta mal-istess xogħlijiet biex b'hekk tkun tista' tiġi ppublikata. Ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jinbdew ġaladarba jiġi kuntrattat l-offerent magħżul.
Seduta 203
05/02/2024

**PROJECT GREEN – ĠNIEN TA' SAN ANTON - APPLIKAZZJONI**

**15750. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tispjega l-intenzjoni wara l-applikazzjoni PA/07539/23 sottomessa minn Project Green għal proġett fil-Ġnien ta' San Anton?

29/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 15748.

Seduta 203
05/02/2024

**UFFIĊĊJU TAD-DIRETTUR ĠENERALI - DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - RESEARCH AND PLANNING UNIT - ĦADDIEMA**

**15751. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fi ħdan ir-Research and Planning Unit tal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

29/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm għaxar persuni jaħdmu fir-Research and Planning Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:

- Chief Architect & Civil Engineer
- Senior Architect & Civil Engineer
- Chief Engineer (Electrical)
- Manager II (Geology)
- Manager II
- Manager I
- Senior Principal
- Operations Manager (GIS)

Seduta 203
05/02/2024

**UFFIĊĊJU TAD-DIRETTUR ĠENERALI - DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - PROCUREMENT UNIT - ĦADDIEMA**

**15752. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fi ħdan il-Procurement Unit tal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

29/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm sitt persuni jaħdmu fil-Procurement Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:

- Officer in Grade 4
- Chief Engineer

- Manager II
- Manager I
- Senior Clerk

Seduta 203
05/02/2024

**UFFIĊĊJU TAD-DIRETTUR ĠENERALI - DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - QUANTITY SURVEYING UNIT - ĦADDIEMA**

**15753. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fi ħdan il-Quantity Surveying Unit tal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

29/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm seba' persuni jaħdmu fil-Quantity Surveying Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:
- Head (Quantity Surveying)
- Officer in Grade 4
- Quantity Surveyor
- Quantity Surveyor Assistant
- Operations Manager
- Principal Technical Officer

Seduta 203
05/02/2024

**UFFIĊĊJU TAD-DIRETTUR ĠENERALI - DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY UNIT - ĦADDIEMA**

**15754. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fi ħdan l-Occupational Health and Safety Unit tal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

29/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ħames persuni jaħdmu fl-Occupational Health & Safety Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:
- Principal Health & Safety Officer
- Senior Health & Safety Officer
- Health & Safety Officer

Seduta 203
05/02/2024

**UFFIĊĊJU TAD-DIRETTUR ĠENERALI - DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - PRECINCTS OFFICE - ĦADDIEMA**

**15755. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fi ħdan il-Precincts Office tal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

29/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ħdax-il persuni jaħdmu fil-Precincts Office fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:

- Operations Manager
- Executive Officer
- Tradesperson (Mason)
- Tradesperson (Plasterer & Painter)
- Supervisor
- Gardener

Seduta 203
05/02/2024

**UFFIĊĊJU TAD-DIRETTUR ĠENERALI - DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - LEGAL OFFICE - ĦADDIEMA**

**15756. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu ġewwa l-Legal Office tal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

29/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm erba' persuni jaħdmu fil-Legal Office fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Il-gradi li tali ħaddiema għandhom huma:

- Senior Legal Officer
- Notary
- Junior Legal Officer
- Assistant Clerk

Seduta 203
05/02/2024

**SAN ĠWANN – TRIQ SANT'ANTNIN – BOZOZ MITFIJA**

**15778. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta ser jitranġaw il-bozoz pubbliċi fi Triq Sant' Antnin ġewwa San Ġwann fid-dawl li dawn ilhom mitfija għal diversi ġimgħat?

29/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fit-triq indikata kien hemm bozza waħda li kellha bżonn manutenzjoni u din issewwiet.

Seduta 203
05/02/2024

**LIĊENZJI LI JĦADDMU/JAGĦTU S-SERVIZZ TA' BOUNCERS F'MALTA**

**15779. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14650, jista' l-Ministru jgħid jekk il-liċenzja mogħtija għas-servizz ta' bouncers f'Malta hijiex għal numru ta' snin u hemmx bżonn li tkun imġedda? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma l-kriterji użati biex dawn il-liċenzji jkunu approvati mill-ġdid?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-liċenzja ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment tiġi mġedda kull sena. Gwardjan privat ma jikkwalifikax biex il-liċenzja tiegħu tiġġedded jekk kemm il-darba ma jissodisfax lill-Kummissarju tal-Pulizija li huwa persuna ta' kondotta tajba, u li matul is-sena ta' qabel, jkun attenda kors jew korsijiet ta' taħrig kontinwu. Jekk jirrizulta illi d-detentur ta' liċenzja ma jkunx mexa skont xi waħda mill-patti jew kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenzja jew jinqalgħu ċirkostanzi li jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenzja kienet tkun miċħuda, skond l-Artikolu 10 tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Rifjut għall-ħruġ ta' liċenzja, il-Kummissarju jista' jew jirtira jew jissospendi tali liċenzja.

Seduta 203
05/02/2024

**XOGĦOL TA' BOUNCER**

**15780. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki wieħed irid ikollu biex jagħmel xogħol ta' bouncer u jgħid ukoll jekk il-kondotta ta' dawn il-persuni hijiex mitluba? Jista' jagħti lista sħiħa ta' persuni minn nazzjonalitajiet diversi, li għandhom din il-liċenzja u kemm huma minn kull pajjiż rispettiv?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi sabiex persuna tikkwalifika għall-liċenzja ta' gwardjan privat f'postijiet ta' divertiment ikollha bżonn li turi li kienet fil-pussess ta' liċenzja ta' Gwardjan Privat għall-ħames snin, sakemm din ma tkunx persuna li tkun għamlet perjodu ta' servizz mal-pulizija, jew mal-forzi armati, jew mas-servizz tal-ħabs, f'Malta jew barra minn Malta. L-istess persuna tkun meħtieġa li tippreżenta ċertifikat li attendiet kors għal dan il-għan. Barra minn dan jsiru verifiki fuq kull persuna li tapplika għal tali mpjieġ. In-numru ta' persuni ta' nazzjonalitajiet diversi, li għandhom din il-liċenzja huma kif indikat fit-tabella hawn taħt:

| Pajjiz | Ammont |
|---|---|
| Kroatia | 1 |
| Germanja | 1 |
| Indja | 1 |
| Italja | 3 |
| Macedonja | 5 |
| Malta | 75 |
| Nepal | 4 |
| Pakistan | 1 |
| Filippini | 1 |
| Romanija | 1 |
| Serbja | 8 |
| Tunesija | 1 |
| Renju Unit | 3 |
| **Total** | **105** |

Seduta 203
05/02/2024

**BOUNCERS – SPOT CHECKS**

**15781. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk qattx kienx hemm spot checks fuq bouncers biex ikun assigurat li ma jkunux taħt effett ta' xi sustanzi?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Iterpellant li jsiru diversi spot checks hekk kif spjegat f'Mistoqsijiet Parlamentari preċedenti. Dwar il-poteri tal-Pulizija f'dan ir-rigward nirreferi lill-Onorevoli Nterpellant għal dak li tiprovdi l-liġi b'mod speċjali Kap 65 u leġislazzjoni sussidjarja 65.16.

Seduta 203
05/02/2024

**TAS-SLIEMA, GŻIRA U SAN ĠILJAN - ENTITAJIET KUMMERĊJALI LI GĦANDHOM PERMESS GĦALL-AMPLIFIED MUSIC FUQ BARRA**

**15782. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Prim Ministru: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 14642 u 14643 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika rispettivament, jista' l-Prim Ministru jindika min joħroġ il-permessi meħtieġa lill-entitajiet kummerċjali għal amplified music fuq barra?

29/01/2024

**ONOR. ROBERT ABELA**: Ninsab infurmat li l-Onor. Interpellant għandu jirreferi għar-regolamenti rilevanti fosthom l-L.S. 441.08, u l-L.S. 409.15 li wkoll jagħmel referenza għal-L.S.441.07 u l-L.S.10.40. Dawn jirregolaw il-materja mertu tat-tweġiba skont iċ-ċirkostanzi applikabbli hawn indikati.

Seduta Numru 203
05/02/2024

**SAN ĠILJAN, PACEVILLE, GŻIRA U TAS-SLIEMA - PERSUNI/ENTITAJIET KUMMERĊJALI MĦARRKA MILL-PULIZIJA GĦAL AMPLIFIED MUSIC FUQ BARRA**

**15783. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14644, jista' l-Ministru jgħid kemm persuni/entitatjiet kummerċjali ġew imħarrka mill-Pulizija għal amplified music fuq barra ġewwa San Ġiljan, Paceville, Gżira u tas-Sliema, minn Ġunju 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità, b'lokalità?

29/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fis-sena 2023 kien hemm ħames każijiet f' San Ġiljan fix-xhur ta' Lulju, Awwissu, Settembru, Ottubru u Diċembru, sitt każijiet f' Paceville fix-xhur ta' Mejju u Lulju, u ħames każijiet f'Tas-Sliema fix-xhur ta' Lulju u Ottubru.

Seduta 203
05/02/2024

**AAA - KAŻ**

**15785. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-istorja tal-kelb Bobby li ngħata l-ewwel għajnuna mill-voluntiera tal-AAA?

30/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 15888.

Seduta 203
05/02/2024

**IĊĊIPJAR TAL-KLIEB - KONTROLLI**

**15786. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari preċedenti, fejn il-Ministru kien qal li l-klieb jiġu ċċekjati jekk humiex microchipped jew le biss, f'każijiet li uffiċjali tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jkollhom rapport ta' inċidenti ta' moħqrija fuq il-klieb, għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid jekk wasalx iż-żmien li d-Direttorat ikollu persuni li xogħolhom ikun proprju li jduru minn jeddhom postijiet varji fejn jgħixu l-klieb u jiċċekkjaw għal din l-identifikazzjoni elettronika, kif ukoll jitwaqqfu persuni bi klieb barra u permezz ta' microchip readers jiċċekkjawhom dak il-ħin?

30/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-iċċekkjar tal-identifikazzjoni elettronika tal-klieb huwa wieħed mid-dmirijiet tal-ħaddiema tad- Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali li jagħmlu xogħol relatat ma' spezzjonijiet u nfurzar.

Seduta 203
05/02/2024

**IĊĊIPJAR TAL-KLIEB**

**15787. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl li skont S.L.437.101 - Regolamenti Dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, mill-2012 huwa doveruż li kull sid, jara li l-kelb ikun iċċipjat mill-età ta' 4 xhur u li jekk dan ma jsirx, hemm ukoll multa li trid titħallas, jista' l-Ministru jgħid x'qed jara biex din il-liġi tiġi rispettata?

30/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li meta d-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja jirċievi evidenza u informazzjoni adegwata fuq persuna, speċifikament sid ta' kelb ta' eta 4 xhur jew aktar li mhux iċċipjat, id-Direttorat jieħu azzjoni ta' infurzar skont l-artiklu 11 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 li huwa r-Regolament dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb.

Seduta 203
05/02/2024

**DATABASE TA' KLIEB REĠISTRATI**

**15788. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati klieb kull sena mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari skont id-Database li dawn suppost jiġu reġistrati fiha?

30/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 203
05/02/2024

**KLIEB MHUX REĠISTRATI**

**15789. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew misjuba individwi mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, li ma kellhomx il-kelb tagħhom reġistrat? Jista' jgħid ukoll x'ġara minn dawn il-każi?

30/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 203
05/02/2024

**ĦAL BALZAN – BERĠA**

**15790. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-berġa f'Ħal Balzan hijiex temporanjament magħluqa u jekk iva, jgħid meta ser tiftaħ u tkun qiegħda tagħti servizz lin-nies? F'każ li għalqet definittivament, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li illum il-Kliniċi tal-Komunità huma kliniċi moderni f'dik li hija dehra u huma mgħammra bl-aħjar apparat mediku biex ikun possibbli li jiġi offrut servizz ta' kura primarja multidixxiplinaru tal-ogħla livell.
Illum, il-Kliniċi tal-Komunità huma ukoll imqabbda mas-sistema tal-electronic patient recrod biex l-istorja medika tal-pazjent tkun aċċessibbli f'ħin rejali minn kullimkien fil-Primary HealthCare.
Għaldaqstant, ir-residenti fil-lokalità ta' Ħal Balzan jistg]u jinqdew tajjeb minn dawn il-lokalitajiet kif ġej:

- Miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' B'Kara
- Mill-Klinika tal-Komunità ta' Ħ'Attard
- Mill-Klinika tal-Komunità tal-Ilkin

Seduta 203
05/02/2024

**WELFARE COMMITTEE**

**15801. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu r-rwol ewlieni tal-Welfare Committee u kif dan il-Kumitat jiġġenera l-flus tiegħu?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li lir-rwol tal-Welfare Committee joħrog minn Artiklu 130 tal-Att tas-Sigurtà Soċjali. Dan ir-rwol huwa li jamministra flus mogħddija mill-Gvern għall-benefiċċju tar-residenti li qiegħdin ġewwa d-djar tal-anzjani.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Welfare Committee ġejjin mill-Budget – Programmi u Iniziattivi u Kontribuzzjonijiet mill-Anzjani.

Seduta 203
05/02/2024

**WELFARE COMMITTEE - RAKKOMANDAZZJONI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI 2022**

**15802. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid huwiex ser iwettaq ir-rakkomandazzjoni li għamel l-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu dwar il-kontijiet pubbliċi 2022 sabiex il-Welfare Committee jkollu aktar impjegati fosthom 'accounts officer' sabiex ma jkunx biss l-Amministrattur ta' dan il-Kumitat li jkun responsabbli mill-operat kollu ta' dan il-Kumitat?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-ingaġġ ta' Accounts Officer ser tiġi diskussa bħala parti mill-ħtiġijiet ta' riżorsi umani tal-Ministeru.

Seduta 203
05/02/2024

**WELFARE COMMITTEE - KONT BANKARJU**

**15803. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Welfare Committee għadux qed jopera mingħajr kont bankarju skont kif jirriżulta mir-rapport tal-Awditur Ġenerali dwar il-kontijiet pubbliċi 2022? Jekk għadu ma nfetaħx, jista' jgħid għaliex għadu ma nfetaħx u fejn qed jinżammu l-cash u ċ-ċekkijiet li l-Kumitat għandu? Jekk infetaħ, jista' jgħid kemm hemm ddepożitat f'dan il-kont?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li wara li ġew sodisfatti l-proċeduri kollha, fil-5 ta' Awwissu 2023, il- Welfare Committee beda jopera kont bankarju mal- Bank Ċentrali ta' Malta.

Sat- 30 ta' Jannar 2024 ġew iddepożitati €593,267.69.

Seduta 203
05/02/2024

**WELFARE COMMITTEE - ĊEKKIJIET SKADUTI**

**15804. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċekk skadut għandu f'idejh il-Welfare Committee li sal-lum ma jistax jissarraf jew jiġi ddepożitat? Jista' jgħid kemm hu l-ammont totali ta' dawn iċ-ċekkijiet skaduti? Jista' jgħid ukoll x'qed isir biex jiġu rkuprati dawn iċ-ċekkijiet skaduti li għandu f'idejh dan il-Kumitat?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li meta sar l-audit ta' l-NAO kien hemm 270 ċekk li kien skada.

Eventwalment irriżulta li l-ammont ta' dawn in-ċekkijiet kien jammonta għal €317,343.71 u mhux €520,721 kif imsemmi oriġinarjament fir-rapport. Dan minħabba l-fatt li l-ammont ta' €203,777 kien meħud darbtejn mil-awdituri mil-listi pprovduti.

L-Uffiċċju tal-Welfare Committee għaddej b'eżerċizzju intensiv fejn l-anzjani konċernat, jew direttament jew tramite il-qraba tagħhom, qed jiġu kkuntattjati biex il-valur ta' dawn iċ-ċekkijiet jiġu rkuprati – jew billi tiġi rranġata d-data taċ-ċekk u ssir firma ħdejn id-data l-ġdida kif titlob il-prassi bankarja jew jinħareġ ċekk ieħor.

Seduta 203
05/02/2024

**WELFARE COMMITTEE - NUQQASIJIET LI NSTABU MILL-AWDITUR ĠENERALI FIR-RAPPORT TIEGĦU DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI 2022**

**15805. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ħa sabiex in-nuqqasijiet kollha li nstabu mill-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu dwar il-kontijiet pubbliċi 2022 dwar il-Welfare Committee jiġu rranġati? Jista' jsemmi liema mir-rakkomandazzjoni li għamel l-Awditur Ġenerali diġà twettqu u meta ser ikunu qed jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet kollha li sa issa għadhom ma twettqux?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fit-tweġibijiet tal-Welfare Committee, li kienu parti integrali tar-rapport, il-Welfare Committee saħaq li ser jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Awdituri. Għaldaqstant ingħataw data indikattivi sa meta kellhom jitwettqu l-azzjonijet meħtieġa biex jiġu ndirizzati r-rakkomandazzjoniet u osservazzjonijiet li saru mil-NAO. Numru ta' rakkomandazzjonijiet diġa ġew magħluqa, ewlenin fosthom:

· Il-ftuħ ta-kont bankarju;

· Depositi kemm f'ċekkijiet u flus kontanti issa qed isiru regolarment kull ġimgħa;

· Dettalji tar-resident konċernat qed jitniżżel fuq formula li qed tkun annessa ma' kull 'deposit form';

· Fejn possibli qed isiru arranġamenti għal 'direct debit mandates' jew ċekk flok flus kontanti;

· L-audited financial statements ta' 2020 u 2021 issa ġew magħluqa u qed isir ix-xogħol meħtieġ fuq l-audited financial statements ta' 2022 u 2023 rispettivament.

Seduta 203
05/02/2024

**SELMUN PALACE HOTEL – ESPRESSJONI TA' INTERESS**

**15806. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15304 u 15560 u jgħid meta se toħroġ l-espressjoni ta' interess jew tender għar-riġenerazzjoni ta' Selmun Palace Hotel?

30/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'Seduta oħra.

Seduta 203
05/02/2024

**MALTA U GĦAWDEX - PEDESTRIAN OVERPASS LIFTS - RAPPORTI**

**15807. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15417, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid għal kull wieħed mill-pedestrian overpass lifts li hawn f'Malta u f'Għawdex, kemm kien hemm rapporti li ma kienx qed jiffunzjona minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**ĦAŻ-ŻABBAR - SQAQ NRU 1, TRIQ IX-XGĦAJRA - XOGĦLIJIET**

**15808. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet neċessarji fi Sqaq Nru 1, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar?

30/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Sqaq Nru 1, Triq ix-Xgħajra huwa fost il-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar ippropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom u għalhekk ser isir xogħol fiha fiż-żmien li ġej.

Seduta 203
05/02/2024

**PROJECT GREEN - APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-PROĠETTI AMBJENTALI**

**15809. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm irċeviet applikazzjonijiet Project Green, għall-proġetti ambjentali?
Tista' tagħti lista proġett, proġett u tinkludi l-lokalità tal-proġetti li ntlaqgħu?
Tista' tagħti lista proġett, proġett u tinkludi l-lokalità tal-proġetti li ma ntlaqgħux?

30/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9140 u 9188.

Seduta 203
05/02/2024

**SIT SKEDAT FI GRAD 2 – PROĊEDURA SABIEX JINQALA' MINN FEJN IKUN**

**15810. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura li trid tintuża meta jkun hemm sit skedat fi Grad 2 u minħabba proġett tal-Gvern jew tal-privat ikun ser jinqala' minn fejn ikun eż: Kaxxa tal-ittri?

30/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'każijiet rari fejn kien hemm talbiet għal ċaqliq ta' oġġetti - li jistgħu jiċċaqilqu bħal kaxxi tal-ittri jew kabini tat-telefon - dawn ikunu parti minn proċess normali ta' applikazzjoni għall-żvilupp li jsegwi l-proċeduri kif elenkati fil-L.S.552.13.

Seduta 203
05/02/2024

**IL-KORSA TAL-MARSA – KUNTRATT TA' PRIVATIZZAZZJONI**

**15824. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14990 u 15491 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt u l-kundizzjonijiet li ġiet ipprivatizzata biha l-Korsa tal-Marsa? Jista' jqiegħed wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra, ir-rapporti li saru minn Equestri Malta u Malta Racing Club (MRC) – Il-Kunsill tal-Marsa fuq iż-żamma tal-kundizzjonijiet tal-konċessjoni mill-kuntrattur? Jista' jgħid ukoll x'kienu n-nuqqasijiet li nstabu matul is-snin?

30/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li rigward il-kuntratti għandu jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 14989. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li kull nuqqas jiġi ndirizzat mal-ewwel permezz ta' laqgħat jew diskussjonijiet neċessarji u bi qbil mal-partijiet kollha.

EquestriMalta tibqa dejjem obbligata li tissalvagwardja l-interess tal-isportivi, il-ħarsien taż-żwiemel, filwaqt li tara li l-wiċċ tal-korsa ikun adekwat u sikur għalihom kollha.

Seduta 203
05/02/2024

**SKEMI TA' GĦAJNUNA LILL-ISPORT**

**15825. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15492, jista' l-Ministru jgħid liema huma l-għaqdiet sportivi li bbenefikaw minn skemi ta' għajnuna tal-isport matul is-sena 2023 u kemm kien l-ammont ta' flus li kull għaqda ngħatat bħala assistenza u taħt liema skema bbenifikat kull għaqda?

30/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 203
05/02/2024

**RABAT, MALTA - TRIQ EMMANUEL VITALE - ŻGOMBRU MINN SCAFFOLDING**

**15847. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għaliex qed jitħalla żgombru minn scaffolding fi Triq Emmanuel Vitale c/w Triq Santa Rita, ir-Rabat, Malta li qed jimblokka l-bankina u l-aċċess għal persuni u anke ta' periklu mill-karozzi?

30/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**OPERAZZJONIJIET POSPOSTI JEW IMĦASSRA**

**15848. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il operazzjoni ġiet posposta jew imħassra bejn l-1 ta' Ġunju 2023 u l-aħħar ta' Jannar 2024, maqsuma xahar b'xahar?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**NUQQAS TA' ĦRIEQI**

**15849. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex kien hemm nuqqas ta' ħrieqi (jew sizes ta' ħrieqi) f'Diċembru 2023 u Jannar 2024?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-servizz ta' kontinenza jiddependi minn fornitura permezz ta' kuntratt. Matul il-perjodu msemmi, l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità ġiet infurmata mill-istess operatur illi kien hemm ordnijiet li ma waslux fil-ħin.
Min naħa ta St Vinċenz de Paul m'għandna l'ebda informazzjoni jew ma wasal l'ebda ilment dwar nuqqas ta' ħrieqi jew sizes tagħhom.
Filwaqt li min naħa tal-Welfare Committee, għal ħrieqi li jiġu pprovduti, qatt ma kien hemm nuqqas.

Seduta 203
05/02/2024

**SPTAR MATER DEI U L-KURA PRIMARJA – PJAN GĦAR-RIĊIKLAĠĠ TA' SKART**

**15850. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan biex l-iskart kollu possibbli fl-Isptar Mater Dei u l-Kura Primarja jiġi maqsum għar-riċiklaġġ?

30/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi fl-isptar Mater Dei inbeda proġett pilota f'parti mis-swali tal-operazzjonijiet bl-oġġettiv li ser jiġi estiż fil-kumplament tal-isptar matul din is-sena. Dan il-proġett kien ta' suċċess kbir, bis-saħħa tal-inizjattivi tal-impjegati. Dan il-proġett pilota qed jiġi implimentat anke fl-inpatient wards, fil-canteen u fl-angiosuite.
Barra minn hekk fl-isptar Mater Dei ġie iffurmat working group iddedikat sabiex jiġu ntrodotti aktar inizjattivi ħodor, b'mira partikolarment fuq immaniġjar tal-iskart u sostenibilita'.

Għar-rigward tal-Primary HealthCare l-iskart kollu diġà jiġi maqsum u jintrema' fil-boroż ikkodifikati skont il-kulur kif deskritti fir-Regolamenti tal-Wasteserv. Dawn il-boroż jinġabru u jintremew skont ir-Regolamenti tal-Wasteserv.

Seduta 203
05/02/2024

**RABAT (MALTA) - TRIQ EMMANUEL STIVALA – KAXXA RISERVATA BLUE**

**15851. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il kaxxa riservata blu hemm fi Triq Emmanuel Stivala fir-Rabat (Malta)?

30/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**IS-SETTUR PUBBLIKU U S-SETTUR ĊIVILI – FTEHIM KOLLETTIV**

**15861. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15125 li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u jippreżenta lista li turi:
a. iż-żieda perċentwali fil-pagi għal kull ftehim kollettiv iffirmat matul l-2022 u l-2023 fis-Settur Pubbliku u Ċivili u s-Section/Sector/Authority li ġie ffirmat il-ftehim kollettiv?
b. l-isem tal-Unjoni li magħha saru n-negozjati?

31/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**SIT TELESKOLA**

**15863. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-sit tant importanti teleskola hux se tkun qed titwaqqaf milli topera? Jekk iva, jista' jgħid minn meta, għaliex u x'se jsir mill-kontenut imtellgħa fuq dan is-sit f'dawn l-aħħar snin?

30/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 203
05/02/2024

**BIRKIRKARA – DAR TAL-ANZJANI - PROĠETT**

**15871. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15442 u cjoè: Peress illi l-Gvern kien ħabbar proġett ta' €12 miljun għal dar tal-anzjani f'Birkirkara ftit jiem biss qabel l-aħħar elezzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-proġett huwiex ser isir? Jekk iva, jista' jgħid meta ser jibda dan il-proġett? Jekk le, jista' jgħid għaliex ma hu qed isir l-ebda proġett ta' din ix-xorta fil-lokalità ta' Birkirkara?

31/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant, li bi qbil bejn iż-żewġ Ministeri ikkonċernati, l-art identifikata għall-proġett għandha tgħaddi għand l-Awtoritá tad-Djar. Dan bl-iskop biex fil-proġett jinbnew sheltered homes affordabbli għall-anzjani.

Seduta 203
05/02/2024

**ĦAL QORMI - POLYCLINIC**

**15876. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta se terġa' tiftaħ il-polyclinic ta' Ħal Qormi?

31/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jireferi għall-mistoqsija parlamentari 14411.

Seduta 203
05/02/2024

**IS-SIĠĠIEWI – XOGĦOL FUQ IZ-ZUNTIER**

**15877. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa mistenni li jitlesta z-zuntier tas-Siġġiewi hekk kif ix-xogħol ingħata bidu din il-ġimgħa?

31/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li z-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola fis-Siġġiewi mistenni li jkun lest sal-ewwel kwart tas-sena 2025.

Seduta 203
05/02/2024

**INDIS MALTA LTD - ALLOKAZZJONI TA' ART LILL-AQUACULTURE RESOURCE LTD**

**15879. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15448, jista' l-Ministru jgħid liema artikli mill-Att imsemmi jipprekluduh milli jagħti din l-informazzjoni?

31/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għall-Artiklu 21(5) tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta u l-Artiklu 33 tal- Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji.

Seduta 203
05/02/2024

**AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI**

**15880. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12980, 13203, 13476, 13638, 13908, 14099, 14208, 14301, 14906 u 15449 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

31/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti tal-impjegati kkonċernati qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 203
05/02/2024

**KUMMISSARJU TAL-FILMS – ALLOWANCE TA' SAFAR**

**15882. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14571 u 15455 u jgħid kemm għandu allowance ta' safar il-Kummissarju tal-Films li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u jagħti rendikont ta' infiq fuq safar li għamel madwar id-dinja fis-sena 2023?

31/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 203
05/02/2024

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL - SPIŻA**

**15883. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10771, 11052, 11803, 12116, 12664, 12995, 13193, 13466, 13709, 13954, 14091, 14216, 14664 u 15457 u jagħti break down dettaljat tal-ispiża totali għall-Mediterrane Film Festival li tinkludi lista tal-ismijiet ta' kull persuna mistiedna mill-Kummissjoni Maltija tal-Films jew mill-Ministeru tiegħu u li tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa minn fondi pubbliċi għal vjaġġar, akkomodazzjoni, trasport, ikel u xorb kif ukoll spejjeż oħra relatati għal kull persuna? Jista' jipprovdi break down finanzjarju għal kull nefqa li saret għas-serata tal-Gala Awards? Jista' jippubblika lista sħiħa tal-ġurnalisti barranin li ġew mistiedna u r-rappurtaġġ li taw lil pajjiżna u jgħid jekk tali rappurtaġġ kienx imħallas ukoll u kemm? Jista' wkoll jippubblika n-nefqa minn fondi pubbliċi f'forma ta' break down finanzjarju għan-nefqa f'marketing li saret għal dan il-Festival?

31/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra

Seduta 203
05/02/2024

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL: THE GOLDEN BEE AWARDS - LUXURY BOARD U VIPS ABBORD**

**15884. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12110, 12431, 12666, 12997, 13195, 13464, 13707, 13924, 14093, 14218, 14665 u 15458 u jgħid x'kien l-iskop tal-luxury boat li abbord tagħha kien hemm VIPs u li ttieħdu fuq Manoel Island għal gala night tal-Mediterrane Film festival: The Golden Bee awards? X'inhu l-isem tad-dgħajsa u ta' min hi? Jista' jgħid ukoll kemm ġie jiswa l-pontoon li nbena f'Manoel Island biex tkun tista' tittrakka l-luxury boat biex jitniżżlu l-VIPs u min ħallas għal dan il-pontoon? Jista' jgħid kemm ġiet tiswa l-luxury boat b'kollox u jagħti l-lista tal-mistednin VIP li kienu fuq din id-dgħajsa?

31/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra

Seduta 203
05/02/2024

**PERSUNI LI ATTENDEW L-ISCREENINGS TAL-MEDITERRANE FILM FESTIVAL**

**15885. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10816, 11081, 12109, 12430, 12665, 12996, 13194, 13465, 13708, 13923, 14094, 14219, 14666 u 15459 u jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fl-iSpazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

31/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra

Seduta 203
05/02/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - KIRJIET**

**15886. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15295 u 15460 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14573, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm daħħlet flus f'kirjiet, l-Awtorità tal-Artijiet minn fuq proprjetajiet immobbli u ċjoè fortijiet u batteriji kostali ta' wirt nazzjonali li jaqgħu taħt fortifikazzjonijiet għal dawn l-aħħar ħames snin, fosthom Forti San Luċjan, Forti Sant'Anġlu, Forti Ricasoli, Forti Madliena fost oħrajn? Jista' jgħid ukoll jekk inkrewx ukoll minn terzi persuni jew kumpaniji, jagħti rendikont b'kemm inkrew u jipprovdi lista ta' rendikonti separati?

31/01/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 203
05/02/2024

**GĦAWDEX - STUDENTI FIL-WAITING LIST SABIEX JINGĦATAW LEARNING SUPPORT EDUCATOR**

**15887. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti fil-waiting list sabiex jingħataw Learning Support Educator (LSE) ġewwa skejjel f'Għawdex?

31/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 15581.

Seduta 203
05/02/2024

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**

**15888. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali assistix fis-salvataġġ tal-kelb Bobby? Jekk le, jista' l-Ministru jispjega għaliex?

31/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jista' jikkonferma li l-każ dwar l-imsemmi kelb ġie rrappurtat fit-18 ta' Jannar permezz tal-linja 1717. L-imsemmi każ kien rapport dwar talba għal spezzjoni fuq kelb miżmum f'kundizzjonijiet ħżiena u li skont min irrapporta l-każ, jidher li kellhu kundizzjoni fil-ġilda, u li kien jinsab fi proprjetà ta' terzi. Is-sejħa għalhekk ġiet mgħoddija lis-servizzi tal-ispettorat għal aktar investigazzjonijiet. Il-kelb qiegħed fil-kustodja tal-l-Abandoned Animals Association (AAA), u l-każ ġie mogħddi u qed jigi nvestigat mill-Pulizija.

Seduta 203
05/02/2024

**IX-XAGĦRA, GĦAWDEX - SIT VAKANTI - ARCHAEOLOGICAL DRAWING**

**15901. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15567, fejn ingħatat risposta parzjali, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'lista deskrittiva ta' features li nstabu fuq dan is-sit (cross-referenced mal-archaeological drawing tal-permess PA/00564/18 li huwa permess tal-iżvilupp fuq l-istess sit fejn hemm applikazzjoni tal-iżvilupp b'numru PA/03174/23), il-valur kulturali mogħti għal kull feature u d-deċiżjoni li ttieħdet għal kull feature hekk kif indikat fit-tabella li qed tintbagħat separatament?

01/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba qed titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 203
05/02/2024

**BAĠIT 2023 - 'TAX CREDIT GĦAL TERAPIJI'**

**15911. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għall-paġna 30 tad-Diskors tal-Baġit għall-2023, taħt is-sottotitlu 'Tax Credit għal Terapiji', jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur ibbenifika minn tax credit refund ta' €200 minn Jannar 2023 sa Diċembru 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kienet tammonta l-ispiża totali biex dawn it-tax credits ingħataw lura lill-ġenituri ta' tfal b'diżabilità? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-formola/l-applikazzjoni li kienet qed timtela mill-ġenituri biex kienu eleġibbli għal dan it-tax credit u jindika wkoll minn liema sit setgħet titniżżel?

01/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**BAĠIT 2024 –'ŻIEDA FIT-TAX CREDIT GĦAL TERAPIJI TA' TFAL B'DIŻABILITA'**

**15912. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għall-paġna 31 tad-Diskors tal-Budget għall-2024, taħt is-sottotitlu 'Żieda fit-Tax Credit għal Terapiji ta' tfal b'diżabilita', jista' l-Ministru jgħid, kemm huwa l-fond allokat għal dan, għal din is-sena kalendarja, jiġifieri l-2024, u kemm jistma li ser jidħlu applikazzjonijiet għal tax credit refund, ibbażat fuq is-sena preċedenti?

01/02/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 203
05/02/2024

**KAŻ TAL-GĦOTI TAL-LIĊENZJI TAS-SEWQAN**

**15920. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15576 fejn ġejt referut għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15575, u peress li l-mistoqsija parlamentari 15575 titkellem biss dwar il-proċeduri pendenti li qed jiffaċċjaw l-impjegati, nerġa' nistaqsi jekk apparti l-impjegati li tirreferi għalihom dik il-mistoqsija, hux qed issir jew hux beħsiebu li ssir investigazzjoni interna biex jiġu stabbiliti liema huma b'mod preċiż il-liċenzji li ngħataw b'mod irregolari jew preferenzjali u x'beħsiebu jagħmel dwar il-persuni li għandhom dawk il-liċenzji?

01/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi ghal mistoqsija parlamentari numru 15575.

Seduta 203
05/02/2024

**GRANTS TA' KAROZZI ELETTRIĊI - APPLIKAZZJONIJIET**

**15921. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-aħħar applikazzjonijiet għal grants ta' karozzi elettriċi li ġew proċessati u approvati (eż. dawk li applikaw sa Diċembru 2023)?

01/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qegħdin jiġu ipproċessati u approvati l-applikazzjonijiet għal grants ta' vetturi elettriċi għal dawk li applikaw lejn l-aħħar tas-sena u daqt inkunu up to date.

Seduta 203
05/02/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - MEMBRI**

**15933. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi u expertise ġew appuntati l-membri l-ġodda tal-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA)?

01/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-membri tal-bord tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) jiġu appuntati kif indikat f'Kapitlu 552 - Artiklu 63 - tal-Att dwar l-Ippjanar.

Seduta 203
05/02/2024